MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 703/2001/1

**L-Awtorita' Marittima Ta' Malta**

**Vs**

**Inter Cement Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi in forza ta' skrittura datata tlieta (3) ta' Lulju, 1995 kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A" l-Awtorita' attrici tat u kkoncediet lis-socjeta' konvenuta id-dritt illi topera 'cement storage facility' u l-'handling' ta' *cement* taht il-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skrittura 'inter alia' versu l-

pagamenti mis-socjeta' konvenuta lill-Awtorita' attrici stipulati fil-paragrafu 44 tad-Dokument 'A'.

Premess illi a tenur tal-paragrafu 44(c) tal-iskrittura s-socjeta' konvenuta hi obbligata illi thallas lill-Awtorita' attrici sittin centezmi (60c) ghal kull tunnellata ta' 'cement handled' minnha pagabbli kull tlett xhur b'lura b'dana illi f'kull kaz obbligat ruhha li thallas lill-Awtorita' Marittima mhux anqas minn tletin elf lira ta' Malta (Lm30,000) fis-sena.

Premess illi minhabba "shortfall" fil-'handling' tac-cement bejn it-3 ta' Jannar 1998 u it-2 ta' Jannar 1999 da parti tas-socjeta' konvenuta a tenur tal-precitata klausola numru 44 (c) l-istess socjeta' konvenuta hi obbligata taghmel tajjeb ghan-nuqqas u b'hekk ghandha taghti lill-Awtorita' attrici s-somma ta' Lm22,839 (tnejn u ghoxrin elf tmien mija u disgha u tletin lira ta' Malta) skond kif jirrizulta mid-Dokument 'B' hawn anness.

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata thallas anki ufficjalment baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma' ghandhiex minn dina l-Qorti:

1. Tigi kkundannata thallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' Lm22,839 (tnejn u ghoxrin elf tmien mija u disgha u tletin lira ta' Malta) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Novembru, 2000 u bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Awtorita' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 23 tal-process fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi fil-parti l-kbira tal-perjodu indikat fic-citazzjoni s-socjeta' konvenuta kienet kostretta ma timportax cement gewwa l-pajjiz mill-attrici stess u ghaldaqstant, f'cirkostanzi bhal dawn, is-socjeta' attrici m'hix gustifikata li tapplika l-klawsola 44 (c) tal-ftehim tat-3 ta' Lulju, 1995 li timponi hlas ta' minimu ta' Lm30,000 fis-sens bhala 'through put charge'.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jissottomettu li l-konvenuti kienu ghamlu l-ftehim (Dok. a fol. 5) fejn kienu ntrabtu li jaghmlu *turn over* ta' Lm30,000 fis-sena f'importazzjoni ta' cement u jekk ma jlahhqux dan l-ammont l-atturi kellhom johorgulhom invoice bid-differenza. F'sena minnhom l-konvenuti ghamlu l-kwota tlett darbiet biss fl-ammont ta' Lm7,161 u ghalhekk hemm differenza ta' Lm22,839 li huma qed jitolbu f'dina l-kawza (ara fol. 17).

Il-konvenuti qed jikkontestaw dana l-ammont (ara l-eccezzjoni taghhom). Huma qed jissottomettu li meta kienu ghamlu l-ftehim mal- MMA huma diga kellhom kontijiet b'lura mal Port imma kienu mexjin regolari bix-xoghol. Imbaghad meta bdew joperaw is-silo l-kontijiet kibru ghax dahlet it-*throughput charge* wkoll ma dak li kienu jhallsu qabel. Imbaghad kien baghat ghalihom is-sur Schembri u kien qalilhom biex ihallsu dak li kien dovut lill-*port workers* immedjatament inkella ma kienx ser ihallihom idahhlu vapur iehor cement. Ghalhekk kienu kitbu lill-MMA u qalulha li ghal mument kien ha jieqfu mill-operazzjonijiet taghhom (Ara dok. a fol. 33).

Il-konvenuti ghalhekk qed jissottomettu li huma kienu waqfu milli jgibu c-cement minhabba dak li kien qalilhom s-sur Schembri. Imbaghad huma rrisolvew din il-problema u raw kif ghamlu biex hallsu l-flus kollha li kellhom jaghtu lill-MMA biex jerghu jibdew joperaw. Fl-*agreement* a fol..39 kien gie maqbul li wara li jhallsu dawn il-flus, huma jkunu jistghu jergghu jibdew joperaw. Il-konvenuti

ghalhekk jirritjenu li m'ghandhomx ihallsu l-ammont mitlub ghax kienu gew mizmumin milli jahdmu mill-atturi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuti jaqblu (ara xhieda ta' Saviour Ellul) li kien hemm l-*agreement* a fol. 5 *et seq* u jaqblu wkoll li kien hemm *shortfall* fl-ammont mitlub u li dana ma thallasx izda r-raguni kienet ghax gew imwaqqfin mill-atturi u ma setghux jaghmlu mod iehor u kellhom jieqfu temporanjament milli joperaw. Dan gara skond il-konvenuti ghax is-sur Schembri, d-direttur ezekuttiv tal-portijiet, kien avzahom li jekk ma jhallsux l-arretrati ma kienx ser ihallihom idahhlu vapur iehor cement.

Is-Sur Schembri cahad li hu kien qallhom hekk u fil-fatt xehed li ma hemm l-ebda ittra li tikkonferma dak li qalu l-konvenuti. Hu qal li kif kien ikkorrisponda maghhom fuq l-affarijiet l-ohra, kieku qallhom hekk, kien jaghmel l-istess haga fuq din il-kwistjoni wkoll. Hu zied jghid li meta kellem lill-konvenuti biex ihallsu dawn qalulu li kellhom problemi finanzjarji. Schembri qal li l-konvenuti dejjem kienu jippromettulu li ser ihallsuh izda qatt ma waslu. Wara li l-konvenuti waqfu temporanjament joperaw, kien sar *repayment programme* biex il-konvenuti jkunu jistghu jerghu joperaw is-silo. Huma ghamlu pagementi izda baqghu ma hallsux l-ammont dovut ghax-*shortfall* kif gie ammess u konfermat minn Saviour Ellul. L-eccezzjoni tal-konvenuti mkien ma ssemmi li dana l-ammont diga thallas.

Is-Sur Schembri kellu kull dritt jinsisti mal-konvenuti li jhallsu dak li kien pendenti u dovut u li jispjegalhom il-pozizzjoni taghhom. Hu kien gibed l-attenzjoni tal-konvenuti ghar-regolamenti tal-*portworkers* li jekk il-principal ma jithallasx dan jista' ma jipprovdiex *port work*. Izda ma jfissirx li ghalhekk il-konvenuti kellhom xi dritt li ma baqghux marbutin bil-ftehim jew li jieqfu milli joperaw. Il-konvenuti imbaghad irrealizzaw x'kienet is-soluzzjoni u fil-fatt hallsu biex setghu ikomplu jahdmu. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti kellhom is-*shortfall* fit-*throughput charge* minhabba problemi finanzjarji li l-konvenuti kienu qed jiffaccjaw u li kienu qed jipprovaw isolvu kif jirrizulta mid-

Dok. a fol. 36, u mhux minhabba l-allegat diskors tas-Sur Schembri.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Awtorita' attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm22,839) dovuta kif fuq inghad.
Bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu, 1999
u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------